MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta tat-23 ta' Marzu, 2011

Numru. 16/2011

**Il-Pulizija**
**[Spettur Angelo Gafa`]**

**vs**

**Steve Abela**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Steve Abela detentur tal-karta tal-identita` numru 479786(M).

Akkuzat talli:
F’dawn il-Gzejjer, fit-23 ta’ Lulju 2008 jew fil-jiem ta’ qabel, ta ordni lil haddiehor biex jaghmel delitt, jew gieghel li d-delitt isir b’mezz ta’ rigali, jew ta struzzjonijiet biex isir id-delitt, jew b’xi mod li jkun, xjentement, ghen jew assista lill-awtur jew awturi tad-delitt, fl-atti illi bihom dawn, taw dikjarazzjoni falza jew certifikat falz;

Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, wieghed, ta jew offra, sew b'mod dirett jew indirett, xi vantagg mhux xieraq lil xi persuna, li asserixxiet jew ikkonfermat li kienet kapaci taghmel xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif tiddeciedi xi persuna li hemm imsemmija fis-Sub-titolu IV tat-Titolu III tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex igieghel lil dik l-istess persuna tesercita dik l-influwenza.

Rat id-dokumenti;

Semghet il-provi;

Rat l-artikoli indikati; u cioe` l-Artikoli 17(h), 42(d), 185(1) u 121A(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Stante ammissjoni bikrija mill-imputat ghall-akkuzi kif dedotti kontrih, u l-konferma ta' tali ammissjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista' jirregola ruhu, u stante li l-imputat ikkopera bis-shih mal-prosekuzzjoni, u li l-fedina penali hija wahda netta u li l-Qorti hija sodisfatta li l-imputat ma kellux rwol dirett mal-otteniment tal-licenzja de quo, qeghda ssib lill-imputat Steve Abela hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontrih li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta qeghda tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien sentejn (2) mil-lum.

Finlament spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------